**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Rikors numru 119/2016**

**Borg and Aquilina Ltd (C-496)**

**vs**

**2A Co Ltd (C 44598) u John Mercieca (KI 127558M)**

**Illum, 26 ta' Settembru, 2018**

Il-Qorti;

Rat r-rikors tas-socjetà rikorrenti li talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimati:

> *"solidament bejnietkom jew min minnkom inqastu milli tħallsu s-somma ta' disat elef u disa' mija u għaoxrin Ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€9,920.82c)* dovuti lis-*soċjetà rikorrenti rappreżentanti prodotti u merkanzija kkonsenjata lilkom fuq talba tagħkom* stess *u konsegwentement tiġu kkundannati in solidum jew separatament*

*sabiex tħallsu s-somma ta' disgħat elef u disgħa mija u għoxrin Ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€9,920.82) lir-rikorrenti flimkien mal-interessi applikabbli skont il-liġi mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv;*

*Illi s-soċjetà rikorrenti, inter alia, topera fil-qasam ta' importazzjoni u bejgħ ta' diversi prodotti;*

*Illi s-soċjeta intimata għamlet diversi ordnijiet mas-soċjetà rikorrenti sabiex jiġu kkonsenjati lilha diversi prodotti ta' ikel fi ħwienet li hi tħaddan madwar Malta. Illi l-intimat John Mercieca assuma responsabbilità bħala garanti skont il-credit application forms (kopja hawn annessa ummarkata bħala 'Dok BA1');*

*Illi l-istatements f'isem is-soċjeta intimata huma relatati mal-ħwienet diversi li hi topera jew kienet topera fil-gzejjer Maltin u jammontaw għal elfejn u mija u tlieta u tmenin Ewro u sebgħin ċenteżmu (€2,183.70) sat-30 t' April 2016 fir-rigward tal-ħanut 'Golosa' fis-Swieqi, tlett elef u disgha mija u hamsa u erbghin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€3945.29) sat-30 ta' April 2016 fir-rigward tal-hanut 'Golosa' fil-Mosta u tlett elef u seba' mija u wiehed u disgħin Ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€3,791.83) sad-29 t' April 2016 fir-rigward tal-ħanut 'Maypole' f'San Gwann, li b'kollox jammontaw għal disgħat elef u disa' mija u għoxrin Ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€9,920.82) (kopja tal-istatements hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok BA2');*

*Illi għalkemm is-soċjetà rikorrenti interpellat verbalment lill-intimati diversi drabi sabiex iħallsu s-somma dovuta, l-intimat baqgħu indempjenti;*

*Illi għalhekk qed issir din it-talba u qed isir kontestwalment mandat ta' sekwestru u mandat ta' qbid kawtelatorju fil-konfront tal-intimati;*

*Bl-ispejjeż ġudizzjarji (inkluż dawk tal-mandati kawtelatorji) u dawk legali kontra l-intimati kif ukoll bl-imgħax legali applikabbli skont il-liġi u b'riserva għal kwalunkwe azzjoni għal ammonti ulterjuri li jistgħu ikunu dovuti wara d-dati specifikati fl-istatements in kwistjoni."*

Rat ukoll ir-risposta tal-intimat John Mercieca li tghid hekk:

*"Illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż għas-segwenti raġunijiet:*

1. *Illi l-esponent intimat ma kkuntrattax personalment mar-rikorrenti u d-dokument eżebit mill-istess rikorrenti bħala bażi sabiex jitħarrek l-esponent bħala intimat ma jagħmilx stat fil-konfront tiegħu peress li ma jikkostitwixxix kuntratt validu u dan a tenur tal-Artikoli 966 u 983 tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għall-permess u in subordinazzjoni għall-istess, il-kelma 'garantor' hija ineżistenti fil-liġijiet nostrani u għalhekk mhux ċar dak li kien qiegħed jiġi mfisser fl-istess dokument.*

3. *Salv eċċezzjonijiet oħra."*

Rat illi minkejja li debitament notifikata, s-soċjetà intimata naqset li tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha, naqset li tidher quddiem il-Qorti,

naqset li tikkontesta t-talba attrici b'xi mod u ghalhekk tinsab kontumaci.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat in-nota ta' riduzzjoni prezentata mis-soċjetà rikorrenti a folio 84 tal-process.

Semghet is-sottomissjonijiet orali ghan-nom tas-soċjetà rikorrenti.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidrat:

Illi din is-sentenza qeghda tinghata fil-konfront tas-soċjetà intimata biss stante illi permezz ta' nota tas-soċjetà rikorrenti a folio 71 tal-process, l-istess soċjetà rikorrenti cediet "il-kawza fil-konfront ta' l-intimat John Mercieca stante tranzazzjoni filwaqt illi zzomm ferm il-proceduri fil-konfront tal-intimata l-ohra 2A Co Ltd.".

Rat illi s-soċjetà intimata kienet debitament notifika kif jirrizulta a folio 43 sa 47 tal-process.

Semghet lir-rapprezentant tas-soċjetà rikorrenti Mark Vassallo jikkonferma bil-gurament illi l-ammont pretiz kif ridott ghadu dovut u li minn dakinhar li giet istitwita l-kawza sal-lum ma saru l-ebda hlasijiet minn naha tas-soċjetà intimata, kif jirrizulta mix-xhieda tieghu a folio 73 sa 78 tal-process u mid-dokumenti MV1 u MV2 a folio 79 sa 83 tal-process.

Illi permezz nota ta' riduzzjoni prezentata mis-soċjetà rikorrenti a folio 84 tal-process, l-ammont mitlub mis-soċjetà rikorrenti gie ridott ghal sitt elef erba' mija u tlettax il-Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€6,413.88).

Illi ghalhekk is-soċjetà intimata baqghet inadempjenti fl-obbligi taghha.

Illi stante li ma kkontestatx it-talbiet attrici, s-soċjetà intimata hija kontumaci.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici jirrizultaw pruvati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghaldaqstant, il-Qorti qeghda tilqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti kontra s-soċjetà intimata fl-ammont ta' sitt elef erba' mija u tlettax il-Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€6,413.88), bl-imghax sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez tal-prezenti procedura u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid relattivi ghall-istess talba kontra s-soċjetà intimata.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur